**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 31**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetcuti | Membru |

Il-Membri A. Paris u W. Farrugia kienu skużati minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

Ic-Chairperson qal t-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 29 ġew approvati. Il-Viċi Chair person M. Abela pproponiet u l-Membru W. Farrugia issekonda.

## II. KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI

<u>Mill- Viċi ChairPerson M. Abela</u>

Il-Viċi Chairperson ppreżentat deskrizzjoni li titratta dwar l-istorja tal-Forti Madliena. Din se ssir fuq tabella kbira li se titwaħħal barra l-Forti.

Hija nfurmat li se jiġu ddentifkati xi postijiet fejn jistgħu jsiru 2 traffic calmers fi Triq il-Madliena u 2 oħra fi Triq il-Pedidalwett.

Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Viċi Chairperosn qiegħda f'kuntatt kontinwu mal-Kappillan sabiex tiġi approvata l-approvazzjoni għal xogħlijet tar-restawrar tal-Kappella tal-Madliena.

Hija nfurmat li sfortunatament id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma aċċettax it-talba għad-devoluzzjoni ta' Medical Stores f' Tas-Stronka. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li huwa kkomunika mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. H. Herrera dwar dan ir-rigward u huwa wiegħdu li se jindaga dwar din l-applikazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-ittra ffirmata mis-Segretarju Parlamentarji Onor. C. Said. dwar il-fondi li kellhom jingħataw għax-xogħlijiet ta' tarmac fit-toroq tal-Madliena. Il-Kumitat staqsa sabiex tinkiteb ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-kumplament ta' fondi għal erbgħa biċċiet tat-toroq li għad iridu jsiru.

## III. KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI – ikomplu

Mill-Membru W. Farrugia

Il-Membru W. Farrugia staqsa sabiex mill-aktar fis jsir kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex dan jibda' jaħdem fuq Survey fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Pedidalwett.

Il-Membru W. Farrugia informa li sal-ġimgħa d-dieħla, huwa ser jirrevedi l-livelli sabiex dawn jindirrizaw il-problema ta'l-ilma. Huwa nforma li għandu jiltaqa' ma' Damien dwar il-permessi. Malli ssir din il-laqgħa jkun jista' jiġi ffirmat il-Kuntratt li ġie maqbul bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur li eventwalment se jwassal għat-tlestija tal-Proġett.

Mill-Membru A. Chetcuti

Il-Membru A. Chetcuti staqsa dwar meta se ssir il-bankina ta' Caf Caf Lane. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kuntrattur ġie nfurmat b' din il-bankina pero' huwa jaf li kellha ssir laqgħa bejn il-Kuntrattur u l-Peirt.

Din il-laqgħa spiċċat fis-18:00 u sar aġġornament għall-Ħamis 30 ta' Mejju 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |